# Beati u Qaddisin....Marzu

## SAN BENEDITTU TA' NORCIA

21 Marzu




San Benedittu, missier il-monakizmu ta' l-Occident, twieled gewwa Norcia fl-Umbria fis-sena 480 mill-familja nobbli Anicia. Intbaghat f'Ruma biex jitharreg u jiehu d-dottorat fid-dixxiplini liberali u wara rtira mid-dinja u mar joqghod gewwa Subiaco mohbi minn kuolhadd biex jghix hajja ta' penitenza u qdusija. Meta xterdet il-fama tieghu ta' qdusija xi patrijiet riedu jghixu taht il-gwida tieghu. Il-gwida tieghu kienet iebsa ghalihom u ma riedux joqghodu ghat-tmexxija tieghu. Ippruvaw jivvalenawh izda kif kien imdorri jaghmel, huwa radd is-salib fuq it-tazza ta' l-imbid u din inqasmet.

Ghaldaqstant il-qaddis mill-gdid irtira fis-solitudni u mill-gdid inghaqdu mieghu numru kbir ta' segwaci hekk li kien kostrett li jwaqqaf 12 il-monasteru. Imbaghad huwa ttrasferixxa ruhu gewwa Montecassino fejn giet imwaqqa l-istatwa ta' Apollo u hemm fuq waqqaf ic-celebri monasteru li minnu hargu l-ewwel benedittini. Hemm huwa kiteb l-ewwel regola ghall-patrijiet li kienu taht il-gwida tieghu. Il-hajja tal-patrijiet kienet talterna bejn talb u hidma, senjalta mill-motto ta' "ora et labora."

Alla zejjen lil San Benedittu bid-don tal-profezija: fost l-ohrajn huwa habbar iz-zmien tal-mewt ta' Titila, re tal-Goti. Xi xhur qabel mewtu, huwa habbar il-data ta' meta kellu jhalli din id-dinja. Sitt ijiem qabel fethu bi thejjija il-qabar tieghu; fis-seba' jum mar il-knisja biex jircievi l-Ewkaristija u hemm miet f'idejn il-patrijiet tieghu. Raw lir-ruhu tiela fis-sema fuq karru ta' dwal filwaqt li wiehed ragel stqarr: "Dik hija it-triq li San Bendittu tela' lejn is-sema." Kellu l-fuq minn 60 sena.